Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 292/2015

**Dr Victor Scerri (ID 366665M)**
**(appellat)**

**vs**

**Inewsmalta Limited (C 57032)**
**(appellanti)**

It-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018.

1. B'rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2015 ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tiddikjara illi l-pubblikazzjoni li dehret fuq Inews fis-6 ta' Ottubru 2014, ta' liema sit elettoniku s-soċjeta' intimata hija responsabbli, intitolata "*Victor Scerri jxejjer daqqa' ta' ponn lil plejer waqt logħba futbol*" hija libelluza u malafamanti u għandha bħala skop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent, u għalhekk tikkundanna lill-istess intimata tħallsu danni morali a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

2. Kopja fotostatika tal-pubblikazzjoni li dehret fil-gazzetta elettronika www.inewsmalta.com taħt it-titolu "*Victor Scerri jxejjer daqqa ta' ponn lil plejer waqt logħba futbol*" ġiet eżebita bħala '**Dok A**' flimkien mar-rikors promutur fejn jidher ritratt tar-rikorrent u *video link*. Taħthom inkiteb is-segwenti:

> *"L-eks president ta-PN u kandidat għall-elezzjoni ġenerali, Victor Scerri nhar s-sibt li għadda ta daqqa' ta' ponn lil plejer waqt logħba bejn Santa Luċija u Marsaskala.*
>
> *Scerri huwa l-President tat-tim ta' Santa Luċija. F'mument minnhom fil-logħba li spiċċat fi drow 0-0, żewġ plejers deheru jargumentaw hekk kif seta' kien hemm fowl mal-linja ta' Marsascala, iżda żewġ plejers bħalma jiġri f'ħafna każijiet riedu r-raġun it tnejn.*

*Minn filmat li għandna l-plejer ta' Marsascala deher iżomm il-ballun f' idejh, kien f' dan il-mument li intervjena Scerri li ta daqqa ta' ponn lil-plejer tant li xeħtu għal tulu fl-art.*

*Dan l-aġir ħoloq kommossjoni sħiħa fil-ground, fejn ħafna mil-plejers ta' Marsascala dehru jiġru lejn Scerri u seħibhom li kien fl-art biex jaraw x' kien qed jiġri. Scerri baqa' jargumenta u intervjenew ukoll il-linesman u r-referee.*

*Għadu mhux magħruf jekk l-MFA hiex se tieħu passi fuq l-aġir ta' Scerri."*

3. Il-qarrejja tas-sit *inewsmalta.com* għamlu s-segwenti kummenti taħt l-storja appena ċitata:

***ugwajanza*** *Mon 06-Oct-2014, 20:59*
*Tghid jitfugh il habs ghall agressjoni bhal m ghamlu lill min protesta?*

***George*** *Mon 06-Oct-2014 20:46*
*Xempju ta' sportivita w ezempju ghat tfal kolha tan-nurseries.*

***F. Calleja*** *Mon 06-Oct-2014, 20:41*
*Ghandu fejn jinheba tibzax. Jaqbez qabza sal Bahrija.*

***South & Proud*** *Mon 06-Oct-2014, 20:28*
*Xejn gdid...........certifikat ta min hu vjolenti*

***salvu ix-Xih*** *Mon 06-Oct-2014 20:26*
*Nisperaw li il pulizija tiehu passi kontrih skond il-ligi..L-ebda Victor Scerri ma hu il fuq mil ligi*

***cikku jnr*** *Mon 06-Oct-2014, 19:58*
*PASTAZ PRIMA KWALITA.....lanqas ghandu jidher quddiem nies dal-PASTAZ.....IRREZENJA u mur inhebba ja PASTAZ u ISTHI JEKK TAF KIF..*

***dleopard*** *Mon 06-Oct-2014, 19:51*
*Pulcinell kont, ghadek u tibqa. Sibtu kwiet, ma sibtx xi wiehed jigi jitnellah minn min int u xarrablek xi daqtein tajba lura. Dawn il-manjieri minn qiegh il-Bahrija gibthom jew?'*

4. Permezz ta' risposta[1] ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2015 l-intimata wieġbet:

*'1. Preliminarjament, illi s-soċjeta esponenti mhix responsabbli fil-liġi għall-artikolu de quo u għalhekk mhix il leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attur;*

*2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-pubblikazzjoni de quo tikkonsisti kemm*

[1] Fol. 8

*f'rapportaġġ kif ukoll f'espressjoni tal-opinjoni u apprezzament, jew value judgement tal-artikolist dwar fatti kif irriżultaw lilu anke permezz tal-filmat li deher fl-istess pubblikazzjoni u jikkostitwixxu kummenti li jitqiesu bħala fair comment, dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma aċċettabbli f'soċjeta demokratika kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal- Bniedem.'*

5. Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2016 il-partijiet qablu illi l-provi miġbura fil-kawża Rik. Nru. 382/2014 fl-ismijiet ***Dr Victor Scerri vs Aleander Balzan*** għandhom jgħoddu għall-kawża odjerna u jiġu nseriti.[2]

6. Fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2017 il-partijiet qablu ukoll l-atti kollha tal-kawża 384/2014 fl-ismijiet '***Dr Victor Scerri vs Tony Zarb et***' jiġu allegati mal-kawża odjerna u x-xhieda hemm miġbura tapplika għal din l-kawża ukoll.[3]

7. Permezz ta' sentenza datata 26 t' Ottubru 2017 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi:

> '***Tiċħad*** *l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati,*
>
> ***Tilqa*** *t-talba tar-rikorrent kif dedotti u*
>
> ***Tiddikjara*** *l-kontenut ta' l-artikolu intitolat 'Victor Scerri jxejjer daqqa ta' ponn lil plejer waqt logħba futbol' li deher fuq is-sit elettroniku www.inews.com, li tiegħu s-soċjeta intimata, bħala sid tas-sit, kienet responsabbli, fis-6 ta' Ottubru 2014, bħala libelluż u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u għalhekk*
>
> ***Tikkundanna****, a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248, lill-intimati iħallsu lir-rikorrenti flimkien is-somma komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni sofferti minnhom riżultat tal-pubblikazzjoni ta' l-istorja fuq imsemmija.*
>
> *Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha filwaqt illi imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effetti ikunu a kariku ta' l-intimat.*'

8. Illi minn din is-sentenza appellat is-soċjetà intimata. L-aggravju tagħha huwa li:

    i. l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta kkonkludiet li l-*webportal* taqa' taħt ir-responsabbilità ta' Inewsmalta Limited. Tikkontendi li dan mhux il-każ għaliex is-servizz editorjali kien jingħata mill-Union Press u għalhekk kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

[2] Fol. 34
[3] Fol. 64

ii. l-Ewwel Qorti tagħti interpertazzjoni totalment żbaljata tal-eċċezzjoni mressqa minnha fejn jidħol *fair comment* u x' jikkostitwixxi *fair comment* taħt il-liġi tagħna;

iii. l-ħsieb tal-Ewwel Qorti m'hu kongruwenti xejn u huwa ferm diffiċli li wieħed isegwih. Dan għaliex filwaqt li l-istess Qorti ċċanfar il-prassi li jkun hemm proliferazzjoni kbira ta' kawżi identiċi li jwasslu għal *chilling effect* fil-konfront ta' min ikun qed jippubblika l-istorja, fl-istess nifs tiċċita l-kelliem tal-Kummissjoni Ewropeja fi stqarrija li għamlet wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia relatat mad-dritt tal-libertà tal-espressjoni li hija l-għodda essenzjali għal ġurnalist. Tilmenta li tali osservazzjonijiet huma inkongruwenti u ma jsegwux;

iv. l-Ewwel Qorti, għalkemm fil-kawża odjerna hemm biss soċjetà intimata waħda, fid-*decide* jidher li l-istess Qorti donnha tikkontendi li s-somma likwidata u li ġiet ordnata titħallas lir-rikorrent appellat trid titħallas minn aktar minn intimat wieħed u allura hemm diskrepanza legali u konfużjoni anké fil-partita dwar min fattwalment qiegħda titkellem l-Ewwel Qorti.

9. Illi permezz ta' risposta datata 5 ta' Diċembru 2017 l-appellat wieġeb li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma u fisser ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-Ewwel Qorti kkonfermata.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

10. Qabel din il-Qorti tinoltra ruħha fil-mertu tal-appell odjern, jixraq issir referenza fil-qosor għall-emendi reċenti li jipprovdu għall-aġġornar tar-regolamentazzjoni ta' ħwejjeġ li jikkonċernaw il-midja u l-malafama u għal ħwejjeġ konsegwenzjali jew anċillari għal dan. B'dan il-għan, l-Att XI tal-2018, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Mejju 2018 permezz tal-Avviż Legali 150 tal-2018, ħassar l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta u ppromulga l-Att dwar tal-Midja u l-Malafama, Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. L-artikolu 33 tal-Att XI tal-2018 jipprovdi iżda illi:

> *'33. (1) L-Att dwar l-Istampa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att imħassar", hu b'dan imħassar mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħtu.*

*(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar:*

*Iżda mhux aktar tard mit-tieni smigħ fil-qorti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ta' kwalunkwe każ li jinvolvi każ ċivili għal malafama li fil-ħin li daħal fis-seħħ dan l-Att ikun għadu għaddej u ma tħalliex għas-sottomissjonijiet finali jew għad-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, dik il-Qorti għandha mutatis mutandis tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(2).*

*(3) L-ammonti ta' danni ċivili li japplikaw taħt l-Att imħassar qabel ma ġie mħassar permezz ta' dan l-Att għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikomplu japplikaw fir-rigward ta' każijiet ta' malafama mressqa taħt l-Att imħassar qabel ma jkun daħal fis-seħħ dan l-Att.*

*(4) Kwalunkwe proċeduri kriminali istitwiti taħt l-Att imħassar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u li, mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, ikunu għadhom għaddejjin quddiem xi qorti, għandhom jieqfu.Kap. 248.*

*(5) Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att kull referenza f'xi liġi oħra għall-"Att dwar l-Istampa" għandha, mutatis mutandis, tinftiehem bħala referenza għall-"Att tal-2018 dwar il-Midja u l-Malafama".*

12. Fl-14 ta' Mejju 2018, ossija d-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet kollha tal-imsemmi Att, saret trattazzjoni u l-appell ġie differit għas-sentenza. Għalhekk, a tenur tad-dispożizzjoni tranżitorja appena ċitata, għad-determinazzjoni tal-każ odjern jkompli japplika l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Stabbilit il-qafas legali applikabbli, jmiss li jiġu determinati l-aggravji tal-appellanti.

14. Fl-**ewwel lok** is-soċjetà appellanti tikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta kkonkludiet li l-*webportal* www.inewsmalta.com taqa' taħt ir-responsabbilità ta' Inewsmalta Limited unikament għaliex tali *webportal* hija proprjetà ta' Inews Limited. L-appellanti tikkontendi li *a tenur* tal-artikolu 23 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni opposta in kwantu hija kienet biss tagħmel xogħol ta' *marketing* u *advertising* u ma kellha l-ebda editur impjegat magħha iżda s-servizz tal-editorjal tal-Inews kien mogħti esklussivament mill-Union Print u minn impjegati ta' Union Print.

15. L-appellat wieġeb li huwa fatt magħruf li l-Union Print hija proprjetà assoluta tal-*General Workers Union* iżda f'kawża oħra kontra l-*General Workers Union*

bħala sid tal-Inews portal (***Dr Victor Scerri vs Tony Zarb et noe*** – Avviż 384/2014) Tony Zarb xehed illi s-sit elettroniku Inews jitmexxa minn Inews Malta Limited u l-General Workers Union m' għandha l-ebda rwol fit-tmexxija ta' din il-kumpannija. Kien għalhekk li ġew imbgħad intavolati l-proċeduri odjerni. Inoltré, ladarba l-*portal* Inews m' għandha l-ebda editur reġistrat mar-Reġistratur tal-Istampa u mill-artikolu in kwistjoni ma jirriżultax min huwa l-awtur, skont l-artikolu 23(ċ) tal-Kap 248 l-azzjoni kellha tittieħed kontra '*ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni"* li bla dubju hija sid il-*webportal*, ossija l-intimata;

16. Il-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu s-segwenti:

> *' ... kif qal Robert Borg, Group Financial Controller tal-General Worker's Union, illi hija propretarja tas-soċjetà Inewsmalta Ltd, meta xehed quddiem dina l-Qorti fl 14 ta' April 2016, fuq domanda tal-Qorti fejn staqsiet "Jigifieri Inews il-web portal hija propjetà ta' Inews Limited" huwa ikkonferma li "Inews il web portal kien propjeta' ta' InewsMalta Limited hekk hu" u mistoqsi min imexxi tali portal, huwa jgħid illi titmexxa "mill-Union Print".*
>
> *Il-Qorti tosserva illi fil-pubblikazzjoni, kif ġia nnutat aktar l' fuq, ma hemm ebda indikazzjoni dwar min huwa l-awtur u/jew l-editur, u għalhekk, kif inhi sa issa il-Liġi nostrana, ir-responsabbilta' tal-artikolu taqa' fuq il-persuna illi hija responsabbli għall-pubblikazzjoni, w la darba is-sit elettroniku kien tas-soċjeta InewsMalta Ltd, allura hija s-soċjetà intimata li hija responsabbli għall tali artikolu w il-kontenut tiegħu.*
>
> *Il-Liġi tagħti dejjem protezzjoni lill min iħoss inġurjat sabiex, bħalma ġara f' ċirkostanzi bħal dawn, meta min jikteb l-artikoli u jagħmel l-allegazzjonijiet ma għandhux il-kuraġġ u d-deċenza jgħid illi huwa kien il-persuna li għamel tali allegazzjonijiet, ir-responsabbilta' imbgħad taqa' fuq min qiegħed jibbenefika, u għalhekk huwa wkoll responsabbli, minn tali pubblikazzjoni.*
>
> *Għalhekk tali eċċezzjoni, illi messet qatt ma tqajjmet ab initio, ma tirriżultax ippruvata.*

17. L-artikolu 23 tal-Kap. 248 jipprovdi kif ġej:

> *'23. L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:*
>
> *(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għalhekk;*
>
> *(b) l-editur;*
>
> *jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,*

(ċ) *ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.'*

18. L-appellanti tippretendi li teżimi ruħha minn kull responsabbiltà dwar l-artikolu in kwistjoni abbażi tal-pretest li (i) l-awtur ma jissemmiex; (ii) l-editur kien impjegat ta' Union Print u mhux parti f'dawn il-proċeduri; u (iii) ir-responsabbiltà għall-pubblikazzjoni kienet taqa' taħt l-editur tal-Union Print jew tal-Union Print innifisha;

19. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju hu fieragħ. Il-kitba li dwarha jilmenta r-rikorrent dehret fuq is-sit elettroniku www.inewsmalta.com iżda minn imkien ma jirriżulta min hu l-awtur tal-kitba jew l-editur. Madanakollu, l-appellanti tippretendi li l-azzjoni kellha ssir kontra editur impjegat mal-Union Print abbażi tax-xhieda mogħtija minn Robert Borg a fol. 29 et seq. tal-proċess.

20. Dan ix-xhud qal li meta l-Union Print espandiet l-operat tagħha waqqfet *webportal* iżda sabiex id-dħul minnha jiġi *accounted for* f'dipartiment separat, ġiet kreata Inews Malta Limited li hija l-proprjetarja tal-*webportal* tal-Inews. Din ta' l-aħħar kellha r-responsabbilità li tiġbor u tagħmel *marketing* tal-operat tal-*portal* u allura l-*advertising revenues* kienu jidħlu fil-kumpannija filwaqt li s-servizz editorjali kien jingħata mill-Union Print. Minkejja dan, ix-xhud fl-ebda waqt ma identifika min kien l-allegat impjegat tal-Union Print responsabbli għas-servizz editorjali tas-sit in kwistjoni. Wisq anqas ma tressqet xi prova li l-allegat editur kien <u>faċilment identifikabbli</u> kif previst fil-liġi. Għalhekk, is-subinċiż (b) tal-artikolu 23 tal-Kap. 248 ma japplikax.

21. Japplika għalhekk, kif korrettement jikkontendi l-appellat, is-subinċiż (ċ) li jrid li jwieġeb għall-azzjoni min hu '*responsabbli għall-publikazzjoni.*' Huwa ovvju li permezz ta' dan is-subinċiż il-liġi <u>la</u> qed tirreferi għall-awtur u <u>lanqas</u> għall-editur li jissemmew fil-paragrafi preċedenti. Din il-Qorti hija ukoll tal-fehma li dan is-subinċiż lanqas ma jista' jinftiehem li tali responsabbilità tista' tiġi faċilment akkollata lil xi persuna/kumpannija oħra taħt il-pretest li s-servizz editorjali kien jiġi pprovdut minnha, kif pretiż mill-appellanti, sakemm ovvjament ma tkunx dik il-persuna/kumpannija stess li tassumi tali responsabbilità.

22. Tony Zarb xehed[4] li '*is-sit 'iNews' jitmexxa minn kumpannija li jisimha 'iNews Malta Limited' u l-General Workers Union ma għandha l-ebda rwol fit-tmexxija ta' din il-kumpannija'.* Hija l-appellanti li fl-aħħar mill-aħħar, bħala

[4] fol. 36

sid, għandha kontroll fuq dan is-sit u anké f'każ li fil-prattika ċediet tali kontroll lil terz, hija tibqa' responsabbli għall-kontenut tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, kull tentattiv da parti tagħha li tinħeba wara arranġamenti interni ma' soċjeta' oħra li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpanniji sabiex tipprova teżimi ruħha mir-responsabbilità għall-pubblikazzjoni in kwistjoni abbażi tal-pretest li s-servizz editorjali kien jingħata mill-Union Print, ma jreġix. Dan apparti li Tony Zarb għamilha ċara li l-Union Press ma kellha x'taqsam xejn mal-website fejn kien pubblikat ir-rapport.

23. Permezz tat-**tieni aggravju**, l-appellanti tikkontendi mbagħad li l-Ewwel Qorti tagħti interpretazzjoni totalment żbaljata tal-eċċezzjoni mressqa minnha fejn jidħol *fair comment* u x'jikkostitwixxi *fair comment* taħt il-liġi tagħna.

24. Id-deċiżjoni appellata għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward:

> *'Dwar tali difiża tal-'fair comment' imqajjma mill-intimat,* ***Gatley on Libel and Slander*** *jgħid:*
>
> > *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*
>
> *Dana ġie mħaddan mill-Qrati tagħha fejn, fil-kawża* ***Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius*** *deċiża fit-30 ta' April 2015, tali prinċipji ġew spjegati kif ġej:*
>
> > *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq lilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblìħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b' ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

*Tali tagħlim huwa anké riflessa fil-kawża **Spiller vs Joseph** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl-1 ta' Diċembru 2010, fejn Lord Phillips għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wieħed iqis id-difiża ta' 'fair comment':*

> *… defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

…

*Il-Qorti tosserva illi tali difiża tirrikjedi sitt elementi, kif fuq deskritt u mħaddna mill-Qrati lokali u esteri, liema elementi jinkludi, fosthom illi l-fatt illi dwarhom ikkummentaw kien <u>sostanzjalment</u> korrett u illi l-<u>pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b' ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun</u>.*

*Jirriżulta, mill-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti, u partikolarment mix-xhieda ta' l-aktar żewġ persuni imparzjali f' logħba tal-football, ossija ir-Referee u il-Linesman, ir-rikorrent f'ebda mument ma' ta' daqqa ta' ponn lill-player ta' Marsaskala, kif jiddikjara l-artikolist, issa indikat bħala Bernard Lynch.*

*Jirriżulta, di fatti mix-xhieda ta' dawna ż-żewġt ufficjali, illi kien attwalment il-player li waqa' ma' l-art illi kien qiegħed jagħmel simulazzjoni u, di fatti, ingħata karta safra, peress illi ż-żewġt uffiċjali jikkonfermaw illi r-rikorrent laqat il-ballun u qatt ma laqat il-player tal-football.*

*Apparti minnn dana il-fatt, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-pubblikazzjoni saret intenzjonalment b' ħażen u intiża unikament sabiex iweġġa lir-rikorrent. Dana qiegħed jingħad għax l-artikolist għażel, meta kien qiegħed jirrapporta l-każ illi jiddeskrivieh bħala "L-eks President tal-PN u kandidat għall-elezzjoni ġenerali".*

*Jidher ċar ukoll illi l-fatt li l-artikolist għażel illi jagħmel referenza għall-tali karigi illi r-rikorrent kellu fil-passat, minn liema karigi huwa telaq u għalhekk ma baqax aktar involut attivament fil-kamp politiku, b' intenzjoni ċara illi, b' malizjia, jitfa dell ikrah fuq ir-rikorrent u joskurah mal-qarrejja billi jattribwixxi aġir allegatament vjolenti fuq kamp tal-football. Ma kien hemm ebda raġuni għaliex l-awtur tal-artikolu indika lir-rikorrent bħala ex President tal-Partit Nazzjonalista u ex-Kandidat tal-Partit Nazzjonalista jekk mhux biex jattakka lill-Partit Nazzjonalista u lir-rikorrent, u joskura l-figura pubblika illi l-istess*

*rikorrenti għandu, u dana minkejja l-fatt illi ma kienx għadu involut aktar fil-kamp politiku u għalhekk ma setax jitqies bħala politiku li fil-konfront tiegħu tista ssir kritika minn l-aktar wiesgħa.*

*Il-Qorti ma għandha ebda dubju illi l-ħsieb ewlieni tal-aħbar imxandra mill-awtur tal-artikolu ma <u>kienx</u> sabiex jirrapporta inċident illi seħħ waqt logħba football, liema inċidenti jiġru ta' spiss u qatt ma jiġu rrappurtat, speċjalment waqt logħba tat-Tielet Diviżjoni, iżda sabiex iżeblagħ u jwaqqa' għar-redikolu lir-rikorrent billi jallegaw azzjoni vjolenti fuqu, liema azzjoni, wara kollox, ma kienet minnha xejn.*

*Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali tentattiv joħroġ ferm biċ-ċar fil-kummenti illi l-istess soċjetà rikorrenti ippermettiet illi jittellgħu fuq l-istess sit minn persuni illi jsegwu tali sit u illi sabu l-ħin fil-ġurnata tagħhom illi jidħlu fis-sit u jħallu messaġġi xejn feliċi w dispreggjattivi fil-konfront tar-rikorrent stess fejn saħansitra żewġt kummentaturi għajru lir-rikorrent "PASTAZ PRIMA KWALITA …. PASTAZ U ISTHI JEKK TAF KIF …" kif ukoll "Pulcinell kont, ghadek u tibqa".*

*L-użu ta' tali kliem minn terzi persuni hija indikazzjoni ċara tal-mibgħeda u żebliegħ illi r-rappurtaġġ mwassal mis-sit elettroniku tas-soċjetà intimata www.inews.com ġibdet fil-konfront tar-rikorrent, liema kummenti qatt ma jistgħu jitqiesu bħala espressjoni protetta mid-dritt għall-libertà ta' l-espressjoni iżda huma kummenti illi għandhom jiġu severament ċċensurati, u dawna messhom kienu ċċensurati ab initio mill-amministratur tas-sit www.inews.com ħaġa li n-nuqqas ta' tali ċensura hija indikazzjoni ċara ta' l-intenzjoni wara r-rappurtaġġ meritu tal-kawża odjerna.'*

25. L-appellanti tikkontendi li r-rapurtaġġ in kwistjoni inkiteb abbażi ta' '*fatti li rriżultawlu'* fl-interess pubbliku abbażi tas-segwenti: (a) il-filmat juri li l-*player* Steve Buhagiar kellu l-ballun f'idu u l-attur, li kien viċin tiegħu, fetaħ idejh u Steve Buhagiar waqa malart; (b) mill-filmat innfsu m'hemmx mod kif l-Ewwel Qorti setgħat tikkonkludi jekk l-attur tax daqqa ta' ponn lil Steve Buhagiar iżda waslet għal din il-konklużjoni abbażi tax-xhieda tar-*referee* minnha meqjus newtrali; (ċ) Steve Buhagiar żamm l-istess verżjoni, ossija li l-attur tah daqqa fuq dahru; (d) dak li qal Steve Buhagiar ġie korraborat mill-President tal-*club ta'* Marsascala.

26. Mir-rapport hu evidenti li l-awtur ibbaża dak li kiteb fuq filmat li għalih kien hemm *video link* fl-istess artikolu. Madanakollu, kif tammetti l-appellanti stess, dan il-filmat juri biss konfużjoni sħiħa. Effettivament, tali filmat inġibed minn faċċata u fil-mument li l-appellat jidher joħroġ idejh 'l barra, hu u l-*player* Steve Buhagiar huma mgħottija minn *players* oħra li kienu qegħdin jiġru fil-*ground* dak il-ħin. Isegwi li minn tali filmat l-artikolist ma seta' **<u>qatt</u>** jirriżultalu <u>bħala stat ta' fatt</u> li r-rikorrent appellat '*ta' daqqa ta' ponn lil plejer waqt logħba bejn Santa Luċija u Marsascala'* kif rappurtat minnu fl-imsemmi artikolu. Il-kliem użat ma jista' bl-ebda mod jitqies xi

*value judgment* jew espressjoni ta' opinjoni tal-artikolist. It-titlu tar-rapport hu: *"Victor Scerri ixejjer daqqa ta' ponn lil plejer waqt logħba futbol"* u jkompli: *"L-eks president tal-PN u kandidat għall-elezzjoni ġenerali, Victor Scerri nhar is-Sibt li għadda ta daqqa ta' ponn lil plejer waqt logħba bejn Santa Luċija u Marsaskala"*. Dawn huma allegazzjoni ta' fatti u m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' *value judgment*. Fatt hu veru jew mhux veru. Mhemmx triq tan-nofs. Meta persuna tallega fatt ma tkunx qegħda tagħti opinjoni.

27. Fl-aggravji l-appellanti ma qalet xejn li jista' jikkonvinċi lill-qorti li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tasal għall-konklużjoni li:

> *"Jirriżulta, mill-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti, u partikolarment mix-xhieda tal-aktar zewġt persuni imparzjali f'logħba tal-football, ossija r-Referee u l-Linesman,* ***ir-rikorrent f'ebda mument ma' ta daqqa ta' ponn lill-player ta' Marsascala****, kif jiddikjara l-artikolist, issa indikat bħala Bernard Lynch".*

L-appellanti qatt ma setgħet toħroġ rebbieħa f'din il-kawża jekk ma tagħtix prova li l-appellat fil-fatt kien ta daqqa ta' ponn lill-plejer tat-tim oppost. Fatt li l-ewwel qorti kkonkludiet li ma ġiex ippruvat. Ir-rapport inkiteb daqslieku l-awtur kien xhud għal dak li ġara. Jissemma wkoll li għandhom filmat li minnu l-plejer ta' Marsascala deher iżomm il-ballun f'idejh, *"kien f'dan il-mument li intervjena Scerri li ta daqqa ta' ponn lill-plejer tant li xeħtu għal tulu fl-art"*. Jingħata x'jifhem li l-filmat juru wkoll lill-appellat jagħti daqqa ta' ponn. Fatt li ma jirriżultax mill-filmat.

28. L-appellanti lanqas ma tista' targumenta li rrapurtat dak li qalilha ħaddieħor. Fil-fatt fir-rapport ma tissemma l-ebda terza persuna.

29. Jirriżulta ukoll mix-xhieda tal-appellat a fol. 37 et. seq tal-proċess li '*qabel ma ġiet ippubblikata l-istorja jiena bl-ebda mod ma ġejt ikkuntattjat'*. Lanqas ma jirriżulta li l-artikolist talab lil Steve Buhagiar sabiex jagħti l-kummenti tiegħu. Kien biss Reuben Buttiġieg, il-President tal-*Club* ta' Marsascala ta' dak iż-żmien li xehed[5] li ntalab kumment mill-One News madanakollu ma jirriżultax x'kienu l-kummenti li setgħu ngħataw.

30. L-appellanti tikkontendi ukoll li l-kariga li kien jokkupa l-attur fi ħdan il-Partit Nazzjonalista huma karigi li fil-verità kien jokkupa u għalhekk, id-deskrizzjoni tal-attur f'dan is-sens ma jistax jitqies intiż biex iżeblaħ jew ixejjen ir-reputazzjoni tiegħu. Tgħid inoltre li l-awtur qatt ma tressaq bħala xhud b'dan illi l-Ewwel Qorti ma setgħat qatt tkun taf x' kellu f' moħħu.

---

[5] Fol. 21

31. M'huwiex kontestat li r-rikorrent kien agħmel żmien President tal-Partit Nazzjonalista u l-Ewwel Qorti fl-ebda waqt ma qalet li saret xi dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward. Dak li qalet l-Ewwel Qorti kien li l-fatt li l-artikolist irrefera għar-rikorrent li kien okkupa kariga partikolari, kien juri li l-pubblikazzjoni saret b'ħażen u bl-intiża unika li tagħmillu ħsara għar-reputazzjoni. Tali konklużjoni mhijiex gratuwita, kif allegat l-appellanti, iżda issib il-bażi tagħha fil-mod kif ġiet artikolata l-pubblikazzjoni in kwistjoni.

32. Dan jinsorġi mill-fatt li:

(i) l-awtur ta' <u>predominanza</u> lill-affiljazzjonijiet politiċi tar-rikorrent billi beda l-artikolu in kwistjoni proprju billi rrefera għall-kariga li kien qabel jokkupa fil-Partit Nazzjonalista.

(ii) Ir-rapport jirraporta b'leġġerezza '*aħbar*' li tattribwixxi **bħala stat ta' fatt** att ta' vjolenza fiżika lir-rikorrent, liema aħbar kienet <u>nieqsa minn bażi konkreta u verifiki xierqa</u>. Il-fatti, li setgħu faċilment ġew aċċertati mill-awtur, jixhdu iżda illi:

- il-filmat ittieħed minn faċċata, li hija l-istess ottika li kellu Reuben Buttigieg li kien fuq il-*bench* ta' Marsascala, ir-rikorrent fl-ebda ħin ma deher qiegħed jagħti daqqa ta' ponn lil Steve Buhagiar. Ir-rikorrent jidher biss joħorġ idejh 'l barra meta dan tal-aħħar kien qiegħed iżomm il-ballun moħbi wara daru;

- dan huwa konformi mat-teżi tar-rikorrent li jgħid li ta biss daqqa fuq il-ballun sabiex itajjaru minn idejn l-imsemmi plejer ħalli tkun tista' tkompli l-logħba. Il-qorti tagħmilha ċara li mill-aspett sportiv ma taqbilx mar-rikorrent. President ta' klabb tal-futbol m'għandux jindaħal waqt partita tal-futbol;

- Steve Buhagiar jgħid biss li ħass daqqa fuq dahru u jispjega li d-daqqa kienet minn wara: '*hi minn wara. Kemm ħassejt id-daqqa*'. Meta elabora fuq l-akkadut jgħid li '*jiena kif rajtha fuq il-camera iġifieri ... fuq li kienu ġabu fl-Aħbarijiet*';[6]

- bla dubju l-aktar verżjoni attendibbli, li effettivament kkorraborat dak li qal ir-rikorrent, kienet tal-*linesman* Roberto Vella li fil-filmat jidher qiegħed jiġri lejn ir-rikorrent mid-direzzjoni opposta fil-mument in kwistjoni. Dan ix-xhud kien

[6] Fol.16.

passi 'l bogħod minn fejn ir-rikorrent allegatament ta d-daqqa ta' ponn. Mill-filmat hu evidenti li dan ix-xhud kellu viżwali ċara ta' dak li ġara. Roberto Vella ikkonferma li r-rikorrent '***ta daqqa lill-ballun u allura tajjar il-ballun minn idejn il-plejer ta' Marsascala*** *u l-ballun mexa 'l quddiem lejn il-pitch filwaqt illi mbgħad il-player ta' Marsascala waqa 'l quddiem' 'niftakar ukoll li jiena kont għedt lir-referee sabiex iniżżel isem tal-player li waqa' mal-art għax kien minħabba l-azzjoni tiegħu illi inqala' din il-kommozzjoni kollha u infatti tah karta safra'*,[7] kif effettivament jirriżulta mir-referee's match report.[8] Hu wkoll evidenti li r-referee tal-partita ma' ħa l-ebda sanzjoni kontra l-appellant. Probabbilment li kieku l-appellant ta daqqa ta' ponn lill-plejer tat-tim avversarju, ir-referee kienu jieħu passi kontra l-istess appellat.

33. It-**tielet aggravju** tas-soċjetà appellanti huwa li l-ħsieb tal-Ewwel Qorti m' hu kongruwenti xejn u huwa ferm diffiċli li wieħed isegwih. Dan għaliex filwaqt li l-istess Qorti ċċanfar il-prassi li jkun hemm proliferazzjoni kbira ta' kawżi identiċi li jwasslu għal *chilling effect* fil-konfront ta' min ikun qed jippubblika l-istorja u fl-istess nifs tiċċita l-kelliem tal-Kummissjoni Ewropeja fi stqarrija li għamlet wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia relatat mad-dritt tal-libertà tal-espressjoni li hija l-għodda essenzjali għal ġurnalist. L-appellanti ilmenta li tali osservazzjonijiet huma inkongruwenti u ma jsegwux.

34. Dak li qalet l-ewwel qorti f'dan ir-rigward ma jista' jkollu l-ebda konsegwenza fuq il-deċiżjoni tal-meritu. L-appellanti ma ngħatatx raġun għaliex ibbażat rapport fuq fatt li mhuwiex minnu. Fatt li l-appellanti kienet ċerta dwaru.

35. Finalment, permezz tar-**raba' aggravju** l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti, għalkemm fil-kawża odjerna hemm biss soċjetà intimata waħda, fid-*decide* jidher li l-istess Qorti donnha tikkontendi li s-somma likwidata u li ġiet ordnata titħallas lir-rikorrent appellat trid titħallas minn aktar minn intimat wieħed u allura hemm diskrepanza legali u konfużjoni anké fil-partita dwar min fattwalment qiegħda titkellem l-Ewwel Qorti.

36. Da parti tiegħu, l-appellat iwieġeb li ma tantx huwa sodisfatt li l-Ewwel Qorti stmat l-unur u l-fama tiegħu bil-persentaġġ miżeru ta' 17% tas-somma massima li setgħat tillikwida bħala danni morali.

---

[7] Fol. 40.
[8] Fol. 23 tal-proċess numru 382/14 – **Dr Victor Scerri vs Aleander Balzan**.

37. Dan l-aħħar aggravju hu fieragħ. Huwa ovvju li f' dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' €2,000 bħala danni, l-użu tal-kelma '*intimati*' minflok intimata u rikorrent minflok '*rikorrenti*' kien biss żball u xejn iktar.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-kumpannija appellanti.**

Anthony Ellul.